**Ħelsien**

Instemgħet il-karba
Minn poplu muġugħ,
Li resaq lejn Alla
Iħossu mifqugħ.

Minn ħafna problemi
Li qegħdin jgħaffġuh,
Għandu mar jittallab
Bil-għatx u bil-ġuħ.

Il-Mulej mis-sema
Jisimgħu irid,
Għax Hu kien li ħalqu
Fdieh, jagħmillu l-ġid.

U l-poplu qed jitlob
Li jkun wisq meħlus,
Jgħolli l-għajta tiegħu
War'Alla isus.

U f'daqqa qed tinżel
Nida ta' grazzja,
It-talb qed jitqawwa
U jirringrazzja.

Il-miġja ta' Kristu
Ġabet il-faraġ,
Miftuħ is-separju
Imħejji t-taraġ.

Skaluna skaluna
Qed nitilgħu jien,
Il-ferħ qed jiżdiedli
Jifdini l-ħelsien.

Patri Mario Attard OFM Cap
9 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.